**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 8 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 97/2018PA**

**Dino Charles Saliba**

**vs**

**Maria Luiza Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-16 ta` Marzu 2018 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta` disa' mija, tnejn u erbgħin Ewro, wieħed u erbgħin ċenteżmu (€942.41ċ) prezz ta` xogħlijiet ta` *plumbing* u elettriku li saru fil-fond Blokk 2, House 2, Stepping Stone, Trejqet Antoine de Favray, Pembroke, għall-ħabta ta` Marzu 2017, bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba senjatament fattura datata 10 ta` Marzu 2017 (Dok. A, fol. 2 sa 4).

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentatx Risposta.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2018, dehret il-konvenuta assistita u ppreżentat nota li permezz tagħha ammettiet it-talba.

Iqis b'hekk li l-attur ipprova t-talba tiegħu, fuq bilanċ ta` probabilitajiet.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta` disa' mija, tnejn u erbgħin Ewro, wieħed u erbgħin ċenteżmu (€942.41ċ), bl-imgħax legali mid-data tallum.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**